**28 ta' Lulju, 1988**

**Imħallef: –**

**Onor. Carmel A. Agius B.A. LL.D.**

Il-Pulizija (Spettur Kevin Ellul Bonici)

*versus*

Raymond Debono

## Ordinanza tad-Dwana – *Mens Rea* – *Ingnorantja Legis* – Konfiska

*L-importazzjoni u restrizzjoni ta' importazzjoni ta' oġġetti hija rregolata mil-liġi stess u għalhekk ma hix xi ħaġa li għandha tirriżulta mill-provi.*

*Il-fatt li importatur jallega li ma kienx jaf liema oġġetti għandhom jiġu ddikjarati ma jiskużahx f'għajnejn il-liġi fuq il-bażi tal-prinċipju li l-injoranza tal-liġi ma tintitolax lil min ikun li jippretendi li hu innoċenti.*

*Meta oġġetti soġġetti għall-ħlas ta' dazju jiġu żbarkati f'Malta mingħajr ma jkun ġie qabel imħallas jew ikkawtelat id-dazju ta' importazzjoni, dawn l-oġġetti għandhom f'kull każ jiġu kkonfiskati mill-Qorti, u dan indipendentement minn kull dritt ċivili ta' l-awtorità kompetenti tal-Gvern li tipproċedi kontra dak li jkun għall-pagament tad-dazju.*

Il-Qorti: –

Rat l-atti tal-kumpilazzjoni miġbura minnha fuq l-akkuża miġjuba mill-Pulizija kontra l-imputat hawn fuq imsemmi, talli f'dawn il-Gżejjer, fix-xhur ta' qabel is-26 ta' Lulju, 1985, (a) mingħajr il-kunsens tal-Ministru responsabbli għall-Finanzi u bħala persuna li ma kinitx negozjant awtorizzat li jkollu fil-pussess jew il-kontroll fuq flus barranin f'Malta, naqas li joffri dawn il-flus barranin, jew jara li jiġu offerti, għall-bejgħ lil negozjant awtorizzat jew li ma ddisponiex minnhom għaf-favur ta' xi persuna oħra bil-permess ta' l-imsemmi Ministru bi skur ta' l-art. 5(1) ta' l-Att XLIX ta' l-1972 dwar il-kontroll fuq il-kambnju; (b) mingħajr il-permess tal-Ministru tal-Finanzi esporta barra minn Malta xi biljetti tal-flus jew muniti li huma jew li kienu f'xi żmien valuta legali f'Malta jew flus barranin bi ksur ta' l-art. 11 ta' l-Att XLIX ta' l-1972 dwar il-kontroll

fuq il-kambju;

Fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana abbużat ukoll talli fis-26 ta' Lulju 1985, fl-Ajruport ta' Ħal-Luqa kellu fil-pussess tiegħu oġġetti b'valur totali ta' Lm234, dazju totali Lm108.03 li l-importazzjoni tagħhom hi ristretta u li d-dazju fuqhom ma ġiex imħallas jew ikkawtelat bi ksur ta' l-art. 60(a) u (ċ) u l-art. 61(a)(b)(ċ)(f)(g)(h)(i)(k) ta' l-Ordinanza tad-Dwana Kap. 60 ta' l-Edizzjoni Riveduta;

*Omissis;*

Rat illi l-imputat ma sabx oġġezzjoni li l-każ jiġi ttrattat bi proċeduri sommarji;

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta tas-26 ta' Jannar, 1988 li biha ma sabitx lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet miġjuba kontrih u lliberatu minnhom mingħajr preġudizzju għad-Dipartiment tad-Dwana għad-drittijiet ċivili tiegħu jekk u meta jkun il-każ;

*Omissis;*

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-Avukat Ġenerali li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tbiddel u tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tħassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabet lill-imputat appellat mhux ħati ta' l-imputazzjonijiet taħt l-Ordinanza tad-Dwana (Kap. 60) u lliberatu minnhom minflok issib lill-imputat ħati ta' l-istess imputazzjonijiet u oltre li tinfliġġi l-piena skond il-liġi, tordna l-konfiska ta' l-oġġetti in kwistjoni u tikkonfermaha fil-bqija;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravju ta' l-appellant jikkonsisti f'dan li ġej u ċjoè illi jallega illi l-obbligazzjoni illi jiġu ddikjarati l-oġġetti dazzjabbli hi unikament fuq il-persuna li timporta l-oġġetti. It-tfittxija jew nuqqas ta' tfittxija da parti ta' l-uffiċjal tad-Dwana ma tissostitwix l-obbligu ta' l-importatur li jiddikjara eżattament u fedelment l-oġġetti dazzjabbli. Li l-importatur jallega li ma jkunx jaf liema oġġetti għandhom jiġu ddikjarati ma tiskużahx għaliex din hija injoranza tal-liġi. Jekk hix ristretta l-importazzjoni ta' xi oġġetti hi wkoll kwistjoni tal-liġi u mhux ta' provi. Hux pagabbli dazju jew le ma hiex kwistjoni ta' x'jidhirlu jew ma jidhirlux l-uffiċjal tad-dwana jew ta' pensament u ripensament iżda hi kwistjoni ta' liġi li dwarha m'hemmx lok ta' ripensamenti. Il-malafede ma tidħol xejn. L-imputat fittex li jimporta oġġetti li l-importazzjoni tagħhom hija restritta mil-liġi u li skond il-liġi jrid iħallas id-dazju. L-imputat naqas li jiddikjara dawn l-oġġetti skond il-liġi. Għalhekk huwa ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontrih taħt l-Ordinanza tad-Dwana. Barra dan l-Avukat Ġenerali ssottometta wkoll illi l-oġġetti ċertament ma tħallasx dazju fuqhom u għalhekk fi kwalunkwe każ għandhom jiġu kkonfiskati;

Illi m'hemmx dubju illi wħud mis-sottomissjonijiet ta' l-Avukat Ġenerali huma fondati fil-liġi. Effettivament dana qed jingħad b'mod partikolari għas-sottomissjoni tiegħu illi l-kwistjoni ta' jekk hix ristretta l-importazzjoni ta' xi oġġetti hija kwistjoni ta' liġi u mhux ta' provi. Infatti meta l-Qorti tal-Prim'Istanza

qalet li ma jirriżulta minn imkien fl-atti tal-proċess li l-importazzjoni ta' qomos hi fil-fatt ristretta, b'dana kienet qiegħda tagħmel pronunzjament illi legalment mhux aċċettabbli. *Infatti una volta* l-importazzjoni u restrizzjoni ta' importazzjoni ta' oġġetti hija rregolata mil-liġi stess, hu ovvju illi l-projbizzjoni/restrizzjoni *o meno* tirriżulta mil-liġi u mhux mill-provi. Fil-fatt jiġi rrilevat hawnhekk illi fl-avviż legali 45/1980 kien ġie rrevokat ir-Regolament ħamsa (5) ta' *l-Import (Control) Regulations 1969* li kien jipprovdi għall-*open general licence* u ġiet irrevokata wkoll l-iskeda li kien hemm ma' l-istess Regolamenti. Bl-avviż legali li ssemma għalhekk il-posizzjoni viġenti legali saret illi kull importazzjoni ta' kull oġġett hija ristretta u persuna *tista' timporta* l-oġġett li tixtieq wara li tkun otteniet il-liċenzja mill-awtorità kompetenti. Sottomissjoni oħra ta' l-Avukat Ġenerali li hija wkoll korretta hu l-fatt illi jekk l-importatur jallega li ma jkunx jaf liema oġġetti għandhom jiġu ddikjarati, dan bħala fatt ma jiskużahx fl-għajnejn tal-liġi fuq il-prinċipju li l-injoranza tal-liġi ma tintitolax lil min ikun li jippretendi li hu innoċenti. Però dawn is-sottomissjonijiet kollha li għamel l-Avukat Ġenerali fl-aggravju ta' l-Appell tiegħu, fil-fehma ta' din il-Qorti għalkemm kif ingħad uħud *minnhom* għandhom validità, għal dak li jirrigwarda dan il-każ, għandhom biss importanza marġinali jekk mhux insinifikanti. Ir-raġuni hija illi din il-Qorti bħall-ewwel Qorti, fl-istat tal-provi li ġew prodotti ma tħossx illi min-naħa ta' l-imputat appellat tirriżulta dik il-*mens rea* li tirrikjedi l-liġi. Fil-fatt fil-fehma tal-Qorti m'hemmx provi biżżejjed biex jista' jingħad illi l-imputat aġixxa xjentement. Dana qed jingħad għar-rigward ta' l-importazzjoni tal-qomos u għaliex fir-rigward ta' l-akkuża l-oħra rigwardanti ħruġ ta' flus illegalment minn Malta, apparti mill-fatt illi f'dan ir-rigward ma sarux *sottomissjonijiet* validi biżżejjed biex jiġu kkunsidrati, l-istat tal-provi mhux tali illi fil-fehma tal-Qorti għandu jwassal

għall-ħtija ta' l-imputat. Kwantu jirrigwarda l-kampjuni ta' qomos, għandu jiġi osservat dan li ġej: illi l-imputat ġie akkużat taħt l-artikolu 60 u 61 ta' l-Ordinanza tad-Dwana li kif hu saput jirrigwardaw mhux kontravenzjonijiet imma reati u li għalhekk jirrikjedu l-*mens rea*. Din il-Qorti hija sodisfatta mill-istat tal-provi illi l-imputat meta wasal fl-ajruport għamel id-dover tiegħu u ma jirriżultax b'xi mod illi pprova jevadi illi jħallas id-dazju jew li pprova ma jiddikjarax dak illi verament kellu anki jekk bl-użu tal-kelma 'kampjuni' seta' b'xi mod żvija l-uffiċjal li kien qiegħed ifittixlu. Però jibqa' l-fatt illi bl-ebda mod ma ostakola li ssir it-tfittxija u li kieku t-tfittxija saret kif keilha ssir, il-posizzjoni probabbilment kienet tkun differenti u f'dan il-każ ċertament ma kienx ikun jista' jingħad illi l-imputat kien għamel xi dikjarazzjoni falza għall-fini tad-dwana. Din il-Qorti però trid tirrileva illi kwantu jirrigwarda l-paragrafi (a) u (ċ) ta' l-artikolu 60 ta' l-imsemmi Kap. għandu jiġi osservat illi bil-liġi stess jekk oġġetti soġġetti għall-ħlas ta' dazju jiġu żbarkati f'Malta mingħajr ma jkun ġie qabel imħallas jew ikkawtelat id-dazju ta' importazzjoni dawn f'kull każ għandhom jiġu kkonfiskati mill-Qorti. U f'dan ir-rigward is-sottomissjoni ta' l-Avukat Ġenerali kkontenuta fir-rikors ta' l-Appell tiegħu hija ineċċepibbli u għandha tiġi akkolta minn din il-Qorti. F'dan ir-rigward din il-Qorti tosserva illi ma taqbilx ma' dak li qalet l-ewwel Qorti u ċjoè illi f'każ bħal dan jeżisti dritt ċivili ta' l-awtorità tal-Gvern li tipproċedi kontra dak li jkun għall-pagament tad-dazju. L-artikolu 60 irid jiġi kkunsidrat indipendentement minn artikoli oħra fis-sens illi jekk jirriżulta illi oġġett ġie żbarkat u li fuqu għalkemm kien dovut li jitħallas dazju ma tħallasx dazju, allura indipendentement minn ħtija kriminali o meno, indipendentement minn *mala fede* jew *bona fede*, indipendentement minn *mens rea* xorta waħda dawk l-oġġetti li ma jkunx tħallas id-dazju fuqhom, għandhom jiġu kkonfiskati

mill-Qorti;

Għal dawn il-motivi għalhekk tiddisponi mill-appell ta' l-Avukat Ġenerali limitatament kif ġej ċjoè billi tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu biss *din ma ordnatx* il-konfiska ta' l-oġġetti li ġew maqbudin mill-Pulizija u li jinsabu elenkati kemm fis-*seizure note* esibita kif ukoll fil-*valuation* li saret mill-ewwel Qorti u li ġew esibiti u minflok tordna l-konfiska ta' l-istess oġġetti, tiċħad il-kumplament kollu ta' l-appell ta' l-Avukat Ġenerali u konsegwentement tikkonferma l-kumplament kollu tas-sentenza appellata.